# Il-Libiena *

Għadda Settembru mċajpar, delli, niedi:
    miet Ottubru mirjieħ, berrieqi, msaħħab:
    daħal Novembru u ma' Novembru daħlet
            safja l-Libiena.

Is-sema raġa', bħalma kien f'Awwissu,
    ikħal bla nikta w beda r-raba' jħaddar:
    taħt fewġa fietla donnha reġgħet twarrad
            rebbiegħa ġdida.

Fil-ġonna, rasha lewn id-deh'b merfugħa,
    issaltan il-lelluxa; jfuħ madwarha
    il-ward bl-eluf, u l-lwien imżewqa jinsġu
            dehriet saħħara.

Iżda mill-knejjes imxerrdin mal-gżira
    jibki leħen ta' qniepen; liebsa l-iswed
    in-nies fuq l-oqbra tqiegħed dwal u xxerred
            tnehid u fjuri,

u bħall-bħur ta' l-inċens it-talb imnikket
    jitla' mill-qlub li jafu l-morr tal-firda:
    "Agħti l-mistrieħ, Mulej, lil min ħalliena
            u d-dawl ta' dejjem."

*

Naħseb: Vistu u lellux... Bejn l-art u s-sema
    nistħajjel ġwienaħ ħfief ta' rwieħ jittajru:
    taħthom tfewwaħ il-ġonna u fuqhom tidħak
            ħelwa l-Libiena.

Dun Karm

* Libiena = is-Sajf ta' San Martin.